TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 421/10

**John Mizzi**
**vs**
**Fino Ferramenta Ltd**

Illum 27 ta' Ġunju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż ppreżentat fit-12 ta' Novembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' ħamsa u għoxrin ewro u għoxrin ċenteżmi (€25.20), rappreżentanti prezz żejjed li ħallas ta' serratura.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tad-ditta ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa ordna serratura ġdida peress li kien tilef iċ-ċavetta u meta talab stima, ġie nfurmat li kienet tiswa' erbgħa u sittin ewro (€64). Illi meta fil-fatt ġew, iċċarġjawh iktar u għalhekk qed jilmenta mid-differenza.

Is-soċjeta' intimata pproduċiet evidenza biex turi illi meta biddlu s-serratura, peress li kienet mudell antik, il-mudell il-ġdid kellha iktar affarijiet u għalhekk kellu bil-fors jiċċarġja tal-mudell il-ġdid u b'hekk kien hemm differenza fil-prezz li ma kinitx waħda sostanzjali.

**It-Tribunal jinnota illi:**

Ir-rikorrenti ħallas għall-valur ta' li ħa, minħabba l-fatt illi s-serratura issa hija *up-graded* peress li hija aktar moderna.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888